

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 458/2012

tal-31 ta' Mejju 2012

li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 377/2012⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-3 ta' Mejju 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 377/2012.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Ginea Bissaw, u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK tal-31 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà

jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw⁽²⁾, għandhom jiġu inklużi persuni addizzjonali fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 377/2012,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 377/2012 għandha tiġi sostitwita bil-lista fl-Anness.

Artikolu 2

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

N. WAMMEN

⁽¹⁾ ĠU L 119, 4.5.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ara paġna 36 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX

Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikoli 1

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport/karta tal-identità, eċċ.)	Raġunijiet għall-inklużjoni	Data tan-nomina
1.	Ġeneral António INJAI (magħruf ukoll bħala António INDJAI)	Nazzjonalità: Ginea Bissaw d.t.t.: 20 ta' Jannar 1955 p.t.t.: Encheia, Sector de Bissorá, Região de Oio, Guiné-Bissau Ġenituri: Wasna Injai u Quiritche Cofte Kariga uffiċjali: Logutenent Ġeneral Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati Passaport: Passaport diplomatiku AAID00435 Data tal-ħruġ: 18/02/2010 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 18/02/2013	António Injai kien personalment involut fl-ippjanar u t-tmexxija tar-rewwixta tal-1 ta' April 2010, li laħqet il-qofol tagħha fl-arrest illegali tal-Prim Ministru, Carlo Gomes Junior, u mbagħad il-Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati, José Zamora Induta; matul il-perjodu elettorali tal-2012, fil-kapaċità tiegħu bħala Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati, Injai għamel dikjarazzjonijiet jhedded li jwaqqa' l-awtoritajiet eletti u li jtemm il-proċess elettorali; Antonio Injai kien involut fl-ippjanar operattiv tal-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Wara l-kolp, l-ewwel communiqué mill-"Kmand Militari" nħarġet mill-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati, li huwa mmexxi mill-Ġeneral Injai.	3.5.2012
2.	Maġġur Ġeneral Namadu TURE (N'KRUMAH)	Nazzjonalità - Ginea Bissaw d.t.t. 26 ta' April 1947 Kariga uffiċjali: Viċi Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati Passaport Diplomatiku nru DA0002186 Data tal-ħruġ: 30.03.2007 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 26.08.2013	Membri tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	3.5.2012
3.	Ġeneral Estêvão NA MENA	d.t.t.07 ta' Marzu 1956 Kariga uffiċjali: Spettur-Ġeneral tal-Forzi Armati	Membri tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	3.5.2012
4.	Brigadier Ġeneral Ibraima CAMARA (magħruf bħala "Papa Camara")	Nazzjonalità - Ginea Bissaw d.t.t. 11 ta' Mejju 1964 Ġenituri: Suareba Camara u Sale Queita Kariga uffiċjali: Kap tal-Persunal tal-Forza tal-Ajru Passaport Diplomatiku nru AAID00437 Data tal-ħruġ:18.02.2010 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 18.02.2013	Membri tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	3.5.2012
5.	Logutenent kurunell Daba NA WALNA (magħruf bħala "Daba Na Walna")	Nazzjonalità - Ginea Bissaw d.t.t. 6 ta' Ġunju 1966 Ġenituri: Samba Nualna u In-Uasne Nanfafe Kariga uffiċjali: Kelliem tal-"Kmand Militari" Passaport nru SA 0000417 Data tal-ħruġ: 29.10.2003 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 10.03.2013	Kelliem tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	3.5.2012

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport/karta tal-identità, eċċ.)	Raġunijiet għall-inklużjoni	Data tan-nomina
6.	Ġeneral Augusto MÁRIO CÓ	Kariga uffiċjali: Kap tal-Persunal tal-Armata	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	3.5.2012
7.	Ġeneral Saya Braia Na NHAPKA	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Kariga uffiċjali: Kap tal-Gwardja Presidenzjali	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	1.6.2012
8.	Kurunell Tomás DJASSI	Nazzjonalità: Ginea Bissaw D.t.t.: 18 ta' Settembru 1968 Kariga uffiċjali: Kmandant tal-Gwardja Nazzjonali Passaport: AAIS00820 Data tal-ħruġ: 24.11.2010 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 27.04.2012	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Konsulent qrib tal-Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati António Injai.	1.6.2012
9.	Kurunell Cranha DANFÁ	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Kariga uffiċjali: Kap tal-Operazzjonijiet tal-Persunal Konġunt tal-Forzi Armati	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Konsulent qrib tal-Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati António Injai.	1.6.2012
10.	Kurunell Celestino de CARVALHO	Nazzjonalità: Ginea Bissaw D.t.t.: 14.06.1955 Ġenituri: Domingos de Carvalho u Josefa Cabral Kariga uffiċjali: President tal-Istitut tad-Difiża Nazzjonali Passaport: Passaport diplomatiku DA0002166 Data tal-ħruġ: 19.02.2007 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 15.04.2013	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Ex-kap tal-Persunal tal-Forza tal-Ajru. Il-preżenza tiegħu f'delegazzjoni li ltaqgħet mal-ECOWAS fis-26 ta' April tikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu fil-"Kmand Militari".	1.6.2012
11.	Kaptan (Forza Navali) Sanhá CLUSSÉ	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Data tat-Twelid: 02.05.2012 Ġenituri: Clusse Mutchá u Dalu Imbungue Kariga uffiċjali: Aġent Kap tal-Persunal tal-Forza Navali Passaport: SA 0000515 Data tal-ħruġ: 08.12.2003 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 29.08.2013	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Il-preżenza tiegħu f'delegazzjoni li ltaqgħet mal-ECOWAS fis-26 ta' April tikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu fil-"Kmand Militari".	1.6.2012
12.	Logutenent-kurunell Júlio NHATE	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Sena tat-Twelid: 1972 Kariga uffiċjali: Kmandant tar-Regiment tal-Paratruppi	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Il-Logutenent Kur Júlio Nhate mexxa l-operazzjoni militari li appoġġat il-kolp tat-12 ta' April 2012.	1.6.2012
13.	Logutenent-kurunell Tchípa NA BIDON	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Data tat-Twelid: 28 ta' Mejju 1954 Ġenituri: "Nabidom" Kariga uffiċjali: Kap tal-Intelligence Militari Passaport: Passaport Diplomatiku DA0001564 Data tal-ħruġ: 30.11.2005 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 15.05.2011	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	1.6.2012

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport/karta tal-identità, eċċ.)	Raġunijiet għall-inklużjoni	Data tan-nomina
14.	Logutenent-kurunell Tcham NA MAN (magħruf bħala Namam)	Nazzjonalità: Ginea Bissaw D.t.t.: 27 ta' Frar 1953 Ġenituri: Biute Naman u Ndjade Na Noa Kariga uffiċjali: Kap tal-Isptar Militari tal-Forzi Armati Passaport: SA0002264 Data tal-ħruġ: 24.07.2006 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 23.07.2009	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Logutenent-kurunell Tcham Na Man huwa wkoll membru tal-Kmand Għoli Militari.	1.6.2012
15.	Maġġur Samuel FERNANDES	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Data tat-Twelid: 22 ta' Jannar 1965 Ġenituri: José Fernandes u Segunda lamite Kariga uffiċjali: Assistent tal-Kap tal-Operazzjonijiet tal-Gwardja Nazzjonali Passaport: AAIS00048 Data tal-ħruġ: 24.03.2009 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 24.03.2012	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	1.6.2012
16.	Maġġur Idrissa DJALÓ	Nazzjonalità: Ginea Bissaw D.t.t.: 6 ta' Jannar 1962 Kariga uffiċjali: Konsulent dwar il-protokoll tal-Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Kien wieħed mill-ewwel uffiċjali li assumu pubblikament l-affiljazzjoni tiegħu mal-"Kmand Militari" billi ffirmaw waħda mill-ewwel communique tagħha (nru 5, datata t-13 ta' April). Maġġur Djaló jservi wkoll fl-intelligence militari.	1.6.2012
17.	Kmandant (Forza Navali) Bion NA TCHONGO (magħruf bħala Nan Tchongo)	Nazzjonalità: Ginea Bissaw D.t.t.: 8 ta' April 1961 Ġenituri: Cunha Nan Tchongo u Bucha Natcham Kariga uffiċjali: Kap tal-Intelligence Navali Passaport: Passaport diplomatiku DA0001565 Data tal-ħruġ: 01.12.2005 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 30.11.2008	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	1.6.2012
18.	Kmandant (Forza Navali) Agostinho Sousa CORDEIRO	Nazzjonalità: Ginea Bissaw D.t.t.: 28 ta' Mejju 1962 Ġenituri: Luis Agostinho Cordeiro u Domingas Soares Kariga uffiċjali: Kap tal-Loġistika tal-Persunal Konġunt tal-Forzi Armati Passaport: SA0000883 Data tal-ħruġ: 14.04.2004 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data tal-iskadenza: 15.04.2013	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	1.6.2012
19.	Kaptan Paulo SUNSAI	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Kariga uffiċjali: Assistent tal-Kmandant Militari tar-Reġjun tat-Tramuntana	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.	1.6.2012

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport/karta tal-identità, eċċ.)	Raġunijiet għall-inklużjoni	Data tan-nomina
20.	Logutenent Lassana CAMARÁ	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Kariga uffiċjali: Kap tas-Servizzi Finanzjarji tal-Forzi Armati	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Responsabbli għall-frodi tal-fondi pubbliċi li jappartjenu għad-Dwana, id-Direttorat Ġenerali tat-Trasport u d-Direttorat Ġenerali tal-Fruntieri u l-Migrazzjoni Dawn il-fondi jiffinanzjaw il-"Kmand Militari".	1.6.2012
21.	Logutenent Julio NAMAN	Nazzjonalità: Ginea Bissaw Kariga uffiċjali: Aide-de-Camp tal-Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Il-Logutenent Na Man kien attiv fil-kmand operazzjonali tal-kolp tat-12 ta' April, taħt ordnijiet minn António Injai. Ħa wkoll sehem, f'isem il-"Kmand Militari", f'laqgħat ma' partiti politiċi.	1.6.2012